MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Numru 721/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**vs**

**Salvatore Ferrigno**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Salvatore Ferrigno ta' 62 sena, iben Giovanni u Concetta nee' Ferrara, imwieled Sqallija nhar is-6 ta' Mejju 1949 u residenti fuq dghajsa tas-sajd bl-isem 'Hannibal' u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AH8557250 gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-5 ta' Mejju 2011 ghall-habta ta' l-10.30pm u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa Xatt il-Barriera fil-Belt

Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' hut liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 ewro, liema serq sar ghad-detriment ta' u/jew persuna/i ohra ;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Gunju 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll il-fatt li ghandu l-fedina penali netta kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(c),(d),(f), 267, 268 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------